MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 33/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ian Decesare**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ian Decesare talli, fil-kwalita` tieghu ta’ Direttur ta’ Eden Leisure Group Ltd, Eden Place, St Augustine Street, St George’s Bay, St Julian’s (**1**) meta l-ex impjegati tieghu Charles Fenech u Joseph Xuereb fl-14 ta’ Dicembru, 2001, tawh avviz ta’ temm ta’ impieg li kellu jkun ta’ 8 gimghat, huwa naqas li jhallihom jahdmu l-istess avviz, u naqas li jikkumpensahom fl-ammonti kif jidhru fil-prospett anness mac-citazzjoni; u (**2**) talli naqas li jhallas lill-istess Charles Fenech u Joseph Xuereb paga, bonus u *allowance* tal-gimgha kif ukoll naqas li jtihom il-vaganzi dovuti lilhom u kumpens flok granet “off” kif spjegat fl-istess prospett; l-ewwel qorti kienet mitluba li tordna lill-

akkuzat li jhallas lil Charles Fenech is-somma ta' Lm2568.80 u lil Joseph Xuereb is-somma ta' Lm1246.18 kif spjegat fil-prospett;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Frar, 2003 li permezz taghha lliberat lill-imsemmi Ian Dcesare wara li ddikjarat:

**Ghaldaqstant in kwantu ghadda t-terminu ta' sena skond il-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta l-akkuza hija preskritta.**

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-26 ta' Frar, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru, 2003; ikkunsidrat:

Il-fatti, bazikament, huma s-segwenti: l-appellat Decesare gie notifikat fil-11 ta' Dicembru, 2002 bic-citazzjoni li kienet tipotizza r-reat jew reati kif indikat hawn aktar 'l fuq. Il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghat-12 ta' Dicembru, 2002, pero` f'dik l-ewwel udjenza ma sar xejn, u l-kawza kienet differita ghall-11 ta' Frar, 2003. Fil-11 ta' Frar, 2003, wara li xehedu Ivan Spiteri u Charles Fenech, il-prosekuzzjoni[1] talbet "korrezzjoni" fic-citazzjoni fis-sens li minflok il-kliem "tawk avviz" (fl-espressjoni "tawk avviz ta' temm ta' impieg li kellu jkun 8 gimghat…") jidhlu l-kliem "tajthom avviz". F'dik l-udjenza l-appellat – alura imputat – iddikjara li ma kienx qed jaghti ruhhu b'notifikat b'dik il-"korrezzjoni", u l-kawza giet dikjarata preskritta.

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu bazikament fis-sens li l-ewwel qorti ma kienitx korretta meta ddikjarat l-azzjoni preskritta, u dan peress li galadarba l-appellat kien gie notifikat bic-citazzjoni fil-11 ta' Novembru, 2002 (u allura entro t-terminu ta' sena kontemplat fl-Artikolu 43 tal-

[1] Ara l-verbal registrat fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru, 2003 bi kjarifika ta' dak li hemm registrat fil-verbal tal-11 ta' Frar, 2003.

Kap. 135[2]), il-procedimenti kienu nbdew regolarment. Inoltre, skond l-appellant, wara li l-ewwel qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni fl-udjenza tal-11 ta' Frar, 2003 ma kien hemm lok ta' ebda notifika mill-gdid tal-imputat, kif donnha rravvizat li kien hemm bzonn l-ewwel qorti.

L-abbili difensur tal-appellat, fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru, 2003, issottometta li bil-korrezzjoni mitluba (u milqugha mill-Qorti in-natura kollha tal-akkuza kienet qed tigi mibdula, b'mod li l-procedimenti fir-rigward tal-akkuza l-"gdida" ma kienux bdew entro t-terminu ta' sena.

Issa, l-Artikolu 43 tal-Kap. 135 jipprovdi li

**Procedimenti ghal reat skond dan l-Att jistghu jinbdew f'kull zmien fi zmien sena mill-eghmil tar-reat.**

Din id-disposizzjoni hija cara fil-portata taghha: il-procedimenti jridu jkunu ghal reat jew reati specifici. Fi kliem iehor, ma jistghux jinbdew procedimenti ghal reat partikolari u, wara li jkun ghadda l-periodu ta' sena mid-data tal-kummissjoni ta' xi reat iehor, tizdied (f'dawk l-istess procedimenti) l-akkuza riferibbilment ghal dak ir-reat l-iehor. L-imputazzjonijiet kif migjuba fic-citazzjoni jinqasmu fi tnejn: l-ewwel imputazzjoni hi marbuta mal-periodu tan-*notice* (allegatament ta' 8 gimghat); it-tieni imputazzjoni (dejjem skond kif migjuba fic-citazzjoni) ma hix hekk marbuta, ghalkemm tista' tkun, ma' dan il-periodu ta' *notice*. Ghalkemm l-ewwel imputazzjoni, kif migjuba fic-citazzjoni, hi redatta f'termini infelici hafna, hu evidenti li din tipotizza r-reat ta' meta principal jonqos milli josserva l-periodu tan-*notice* u jonqos milli jaghmel il-hlas relattiv skond il-ligi, u dan bi ksur tal-Artikoli 34 u 41 tal-Kap 135. Fil-fehma tal-Qorti ma taghmilx differenza jekk il-fatti kienu (**a**) li l-impjegati taw *notice* skond il-ligi izda gew impeduti milli jahdmu dak il-periodu tan-*notice* u baqghu ma thallsux skond il-ligi ghal dak il-periodu (l-imputazzjoni kif originarjament formulata hekk taghti wiehed x'jifhem), jew (**b**) jekk il-principal l-ewwel tahom in-*notice* pero` wara

[2] L-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-Impieg, Kap. 135, gie mhassar bl-Att XXII tal-2002 b'effett mis-27 ta' Dicembru, 2002.

xorta wahda ma hallihomx jahdmu ghal dak il-periodu u ma hallashomx (l-imputazzjoni kif “korretta”), jew addirittura jekk (**c**) il-principal ma tahom ebda notice u ma hallashomx. Ir-reat, fit-tlett ipotesijiet ta’ fatt, jibqa’ sostanzjalment l-istess wiehed. Ghalhekk ma hux il-kaz li bil-korrezzjoni kif mitluba gie mizjud xi reat iehor. Dik il-korrezzjoni, f’kaz li setghet fixklet lill-imputat fid-difiza tieghu, kienet timmerita biss differiment. Anqas kien hemm lok li l-imputazzjoni kif korretta terga’ tigi notifikata lill-imputat. Konsegwentement l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita li jintlaqa’.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u torrevoka s-sentenza appellata u, sabiex ma tipprivax lill-appellat mill-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex din tkompli tisma’ l-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------